# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Jannar 2022**

Appell numru 654/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christopher SPITERI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Mejju 2021 fil-konfront ta' Christopher SPITERI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 0547774M) li ġie mixli talli:

Nhar l-24 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel ġewwa Pembroke u diversi partijiet tal-Gżejjer Maltin:

i) Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil mara tiegħu Elaine Spiteri li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu Kieran u Kaine u/jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta fastidju għal dawn il-persuni u dan bi ksur tal-artikoli 251A(1)(a)(b), 251HA b'referenza għall-Artikolu 202, 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Ikkaġuna lil mara tiegħu Elaine Spiteri li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu Kieran u Kaine biża' li ser tintuża' vjolenza kontrieha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222

u 202(h)(iv) meta l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1) u l-Artikolu 251H(a)(b)(d)(f) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Elaine Spiteri – Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv) Volontarjament ħassar ħwejjeġ ħaddieħor liema ħsara tammonta għal aktar minn Ewro 23.29 iżda nqas minn Ewro 250 għad-dannu ta' Elaine Spiteri – Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq ammissjoni inkondizzjonata, sabet lill-appellat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni hekk kif il-kwerelanta irtirat dawn l-imputazzjonijiet kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Elaine Spiteri w uliedha Kieran u Kaine u dan bi skop li tipprovdi għas-sigurta' u għall-protezzjoni tagħhom u għaż-żamma tal-ordni pubblika għamlet ukoll ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati Christopher SPITERI sabiex tipprojbixxieh u tirrestringieh milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija kif ukoll sabiex tevita li jimmolestahom.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat SPITERI ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (ii) tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu; (iii) tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena biex minflok tinfliġġi piena skont il-Liġi u fil-parametri tal-istess; (iv) tħassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti li ħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Elaine Spiteri u wliehda ai

termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u minflok tordna li tinħareġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-appellat ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li stqarret is-segwenti:

i. Il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinetx dik ravviżata mil-Liġi meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni ż-żieda fil-gradi tal-pieni ikkontemplati fl-Artikolu 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali u l-aggravanti fl-Artikoli 251H u 251HA tal-istess u dan peress li l-piena imponibbli tista' tasal sa tnax il-sena priġunerija;
ii. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat erronjament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-ħati għaliex din tista' tinħareġ biss fil-konfront ta' 'persuna mixlija jew akkużata b'reat' u mhux persuna 'ħatja' ta' reat.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar l-24 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' bil-lejl, Elaine Spiteri għamlet rapport mal-Pulizija li żewġha Christopher Spiteri kien heddidha u nġurjaha. Hija stqarret li dakinhar meta daħlet lura d-dar matrimonjali tagħha fl-indirizz Blokk A9, Flat 2, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' fil-għaxija, sabet lil żewġha joffendi lit-tifel tagħhom ta' sbatax -il sena u hija telgħet 'il fuq fil-kamra tagħha mingħajr ma interveniet għaliex indunat li żewġha kien xorob u f'dak l-istat irraġunat li kien iktar għaqli li ma tkelmux. Ftit tal-ħin wara, pero', kien żewġha stess li tela' fuq fil-kamra fejn kienet hi u beda jgħajjat magħha għaliex ma kinetx infurmatu li għalqet il-ħanut tax-xagħar tagħha. Elaine Spiteri rraportat ukoll li dan l-aġir ta' l-appellat żewġha kien ukoll dovut għall-fatt li kien daħallu ħsieb li hija kienet qiegħda taċċetta kunfidenzi żejda mingħand persuna maskili li kien għamel 'like' fuq il-paġna tagħha tas-social media. Huwa wkoll għamel idejh forma ta' ponn u ressaqha qrib wiċċha iżda qatt ma missha fiżikament.

5. Elaine Spiteri rraportat kif dak il-ħin hija ddeċidiet li toħroġ 'il barra mid-dar u ħadet lit-tifel magħha; iżda wara ftit intebħet li anki żewġha kien ħareġ 'il barra mir-residenza tagħha u kien għalhekk li ddeċidiet li terġa' tmur lura. Biss, SPITERI wkoll irritorna u kif sab id-dar

imsakkra beda jagħti fuq il-bieb sakemm fetħu u għamel xi ħsarat. Elaine Spiteri rraportat kif dak il-ħin hija ħadet id-deċiżjoni li ċċempel lill-Pulizija. L-appellat sadanittant irritorna fuq il-post wara li kien mar jiġbor lit-tifel mill-football u dak il-ħin huwa ġie mitkellem mill-Pulizija.

6. Illi l-Pulizija infurmat lil SPITERI li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu b'rabta ma' dan l-inċident u nhar is-26 ta' Novembru 2020 huwa tressaq il-Qorti mixli bl-imputazzjonijiet imniżżla iktar 'il fuq f'din is-sentenza. L-imputat qua appellat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li nħarġet ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-parte ċivile u wliedha ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, l-appellat ingħata l-ħelsien mill-arrest.

7. Sussegwentement, fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Mejju 2021 l-appellat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu salv it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet in kwantu l-parte ċivile iddikjarat li ma kienx għad għandha interess tipprosegwi bil-kawża fir-rigward (biss) tal-imsemmija imputazzjonijiet. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara li tgħat lill-imputat qua appellat żmien suffiċjenti sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu kif ukoll fissret bi kliem ċar il-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni ta' ħtija, rat li SPITERI reġa' tenna din l-ammissjoni tiegħu u għalhekk għaddiet għas-sentenza tagħha.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali**

8. Illi l-Avukat Ġenerali f'dan l-ewwel aggravju tagħha tilmenta kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx korretta meta infliġġiet il-piena kkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in kwantu tali piena ma tistax tingħata lill-ħati meta r-reat jew ir-reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun instab ħati jeċċedu l-perjodu ta' seba' snin priġunerija u dan meta jitqiesu fatturi bħalma huma ċ-ċirkostanzi aggravanti li jingħaddu mal-piena li jikkontempla r-reat oriġinali.

9. L-Avukat Ġenerali ssostni li f'dan il-każ il-piena għar-reati miġjuba taħt l-Artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali hekk kif aggravati biċ-ċirkostanzi kkontemplati fl-Artikoli 251H, 222(1) u 251HA moqri b'referenza għall-Artikolu 202 tal-istess, jaqbżu kemm il-parametri

tas-seba' snin priġunerija li jikkontempla l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-massimu ta' għaxar snin priġunerija li jikkontempla l-proviso tal-Artikolu 7 subinċiż numru 2 tal-imsemmi kapitolu.

10. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, in oltre, l-Avukat Ġenerali ssostni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jidhirx li applikat l-imsemmi proviso u dan in kwantu fis-sentenza tagħha naqset li ddikjara b'mod ċar x'kienu dawk iċ-ċirkostanzi li fil-fehma tagħha kienu jimmeritaw l-applikazzjoni tal-istess.

11. Illi din il-Qorti minnufih tibda billi tagħmel referenza għall-Artikoli 370(2) u l-Artikolu 371(1) tal-Kodiċi Kriminali bħala dawk id-dispożizzjoni tal-Liġi li jistabbilixxu liema huma dawk il-fatturi li għandhom jittieħdu flimkien mal-piena oriġinali li jġorr ir-reat sabiex tiġi determinata l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Bl-istess mod, l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Liġi jgħatu indikazzjoni ċara ta' kif għandha ssir il-komputazzjoni tal-piena fid-determinazzjoni tal-parametri ta' piena għal reat speċifiku liema eżerċizzju imbagħad a sua volta jimpinġi fuq id-deċiżjoni tal-Qorti fir-rigward tax-xorta tal-piena li l-Liġi trid li tingħata jew teskludi li tingħata fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għal dak ir-reat. Issa, l-Artikolu 370(2) tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> (2) Ir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) jibqgħu ta' kompetenza tal-qorti fuq imsemmija għad illi, **minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18**[1], ikun hemm lokli tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu.

12. L-Artikolu 371(1) imbagħad jaqra hekk:

> **Sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza, għandu jittieħed qies tar-reat miġjub fl-akkuża u mhux taċ-ċirkostanzi li jnaqqsuh,**[2] ukoll jekk, minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputat m'għandux jeħel piena, jew jista' jkun hemm lok għall-mogħdija minn piena iżjed gravi għal piena oħra anqas gravi. F'dan il-każ igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 389 u dawk ta' warajh.

13. Illi minn qari ta' dawn id-dispożizzjoni tal-Liġi, allura, jirriżulta ċar kif fil-komputazzjoni tal-piena, mhux biss ai fini ta' kompetenza

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.
[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

iżda anki sabiex jiġu determinati l-parametri tal-piena, għandu jittieħed **qies tar-reat kif miġjub fl-akkuża** u mhux ukoll ta' xi żieda fil-piena minħabba (i) konkors ta' reati u pieni ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali (ii) ir-reċidiva (iii) il-kontinwita' tar-reat kif maħsub fl-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, jew xi tnaqqis fil-piena minħabba f'xi ċirkostanzi li tikkontempla l-Liġi.

14. Biss, il-Liġi ma teskludix **iż-żieda fil-piena minħabba l-hekk imsejħa ċirkostanzi aggravanti** f'każ ta' sejbien ta' ħtija għal reat li jinqabad **ukoll** b'dispożizzjonijiet li jikkontemplaw dawn iċ-ċirkostanzi bħal fil-każ in diżamina, l-Artikoli 251H, 222(1), 251HA u l-Artikolu 202 tal-Kodiċi Kirminali. U hija din il-piena li l-Qorti trid tikkunsidra fid-deċiżjoni tagħha għar-rigward tal-parametri tal-piena li teħtieġ li tinfliġġi f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Dan ikun ifisser li jekk bħal fil-każ in diżamina, il-piena ikkontestata mill-Avukat Ġenerali tkun tista' tiġi erogata biss meta l-piena tar-reati li tagħhom instabet ħtija ma tkunx taqbeż il-massimu ta' seba' snin priġunerija, jekk il-piena oriġinali magħduda flimkien maż-żieda fil-piena minħabba ċ-ċirkostanzi aggravanti tkun teżorbita l-imsemmija parametri, il-Qorti ma tkunx tista' tagħtieha għaliex tali piena ma tkunx tista' titqies piena skont il-Liġi.

15. Issa, kif ingħad, jirriżulta li l-appellat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu liema ammissjoni jirriżulta li saret skont il-Liġi u qatt ma ġiet ikkontestata. Din l-ammissjoni l-appellat għamilha fi stadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta ma kinux għadhom instemgħu l-provi tal-Prosekuzzjoni għajr l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Joanna Piscopo. Din xehdet fis-seduta ta' nhar l-10 ta' Diċembru 2020 u esebiet (i) l-istqarrija tal-imputat qua appellat (ii) ir-rapport magħmul mill-kwerelanta u (iii) ir-referral form tal-Aġenzija Appoġġ bħala provi dokumentarji in sostenn għat-teżi tal-Prosekuzzjoni.

16. Lanqas ma jirriżulta li l-Avukat Ġenerali laħqet ħarġet l-artikoli permezz tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju magħmula ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-komparixxi u ċjoe' l-imputazzjonijiet redatti mill-Pulizija Eżekuttiva jieħdu post in-nota tar-rinviju tal-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali. Meta l-imputat appellat irreġistra ammissjoni **huwa kien qiegħed jirreġistra ammissjoni għal dawk l-imputazzjonijiet kif ipprospettati fiċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-Pulizija Eżekuttiva.** Dawn l-imputazzjonijiet huma imsejsa fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli **251A(1)(2), 251B(1) aggravati biċ-**

**<u>ċirkostanzi enunċjati fl-Artikoli 251H(a)(b)(d)(f), 222(1) u 251HA</u>** tal-Kodiċi Kriminali.

17. Ġurisprudenza paċifika tal-Qrati Maltin tisħaq li meta l-imputat jirreġistra ammissjoni li titqies valida skont il-Liġi, il-Prosekuzzjoni ma jkunx jifdlilha l-ħtieġa li tipprova l-każ tagħha ulterjorment in kwantu l-konfessjoni tal-imputat titqies bħala l-'prova reġina' u bħala tali allura l-imputat li jammetti jkun qiegħed jirrikonoxxi li r-reati li jkun ġie mixli bihom ikun ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Din il-Qorti hekk kif preseduta fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Timothy Joe Forace** deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2021 kienet diġa saħqet li bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali.

18. Dan isegwi fuq, u jibni fuq l-insenjament tal-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Testa** tas-17 ta' Lulju 2002 fejn kien qal li:

> Ghandu jigi osservat ukoll li meta jkun hemm ammissjoni kif prevista fl-Artikolu 392A(1), u wara li jsir dak li ghandu jsir skond l-Artikolu 453(1), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tista' tghaddi biex taghti s-sentenza. S'intendi dik il-qorti ghandha l-obbligu li tisma' kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lid-difiza dwar il-piena; u xejn ma jzomm lil dik il-qorti milli tordna, jekk jidrilha li jkun utili li taghmel hekk sabiex ikollha stampa ahjar tal-fatti, li jinstemghu ix-xhieda jew xi xhieda. Ghalkemm l-iskop tal-legislatur meta introduca s-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u l-Artikolu 392A(1)(2) kien li tigi evitata l-kumpilazzjoni, bid-dewmien li din necessarjament iggib, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu geluzi li ma jissagrifikawx il-gustizzja oggettiva fil-ghoti tal-piena fuq l-altar tal-konvenjenza jew tal-pseudo-efficjenza bbazata fuq cifri u statistika. Fil-kaz in dizamina, fil-fatt, l-ewwel qorti korretement semghet bil-gurament u f'zewg seduti separati (16 ta' Gunju, 2002 u 18 ta' Gunju, 2002) lill-Ispettur Mario Tonna, li ezibixxa, fost affarijiet ohra, l-istqarrija ta' Emmanuel Testa li minnha jirrizultaw il-fatti li jammontaw ghar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet. Jinghad ukoll li l-appellant, bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, kellu l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu a rigward tal-piena, izda baqa' ma uzufruwiex minn tali opportunita`.

19. F’dan il-każ ukoll, wara li rreġistra l-ammissjoni tiegħu, l-appellat ma jidhirx li talab sabiex iressaq xi provi u lanqas ma attakka l-kontenut tal-istqarrija tiegħu rrilaxxjata mal-Pulizija nhar il-25 ta’ Novembru 2020. B’hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex triq oħra ħlief li ssib ħtija fl-imputat appellat fl-akkuża kif miġjuba kontra tiegħu biċ-ċirkostanzi aggravanti **kollha** kif hemmhekk elenkati. Dan ifisser li din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha m’għandhiex għalfejn tidħol fil-mertu ta’ kemm effettivament iċ-ċirkostanzi aggravanti kif ipotizzati fl-akkuża maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva jirriżultawx ippruvati o meno u stante l-ammissjoni tal-appellant, kif intqal, il-piena li għandha tingħata kwindi hija dik għar-reat oriġinali miżjuda b’dik iż-żieda fil-piena li tirrikjedi sejbien ta’ ħtija taħt l-Artikoli 251A(1) u 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali hekk kif aggravati biċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 251H(a)(b)(d)(f), 251HA u 222(1) tal-istess.

20. Illi in kwantu għar-reat ta’ fastidju ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, skont l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali dan iġorr piena ta’ bejn sitt xhur u sentejn priġunerija u/jew multa ta’ bejn ħamest elef euro (€5000) u għaxart elef euro (€10,000). Imbagħad, skont il-proviso li jinsab taħt is-subinċiż numru erbgħa tal-imsemmi artikolu, il-Liġi trid li l-piena tiżdied bi grad wieħed meta r-reat ikun kommess fuq dawk il-persuni li jelenka l-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, fosthom, bħal fil-każ in eżami, fuq il-persuna tal-konjuġi. S’hemmhekk il-piena tiġi li tiżdied sa’ massimu ta’ tliet snin priġunerija. Dan peress li l-appellant ammetta li r-reat de quo kkommettieħ **<u>kontra l-konjuġi tiegħu</u>** u b’hekk jikkwalifika taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

21. Biss pero’, il-piena stipulata fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali hija wkoll suġġetta għal żieda kemm -il darba jissusstistu xi ċirkostanzi kkontemplati fl-Artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali u għal żieda oħra taħt l-Artikolu 251HA li a sua volta jagħmel referenza għaċ-ċirkostanzi aggravanti imsemmija fl-Artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali kif ingħad.

22. F’dan il-każ l-appellant ammetta r-reati fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni bħala li huma kwalifikati b’dak li jiddisponi l-artikolu 251H(a)(b)(d)(f) tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali jgħid li:

Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, **għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin**:
(a) id-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha: Iżda f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi persuna li ż-żwieġ tagħha mal-akkużat ġie xolt jew ġie dikjaratnull;
(b) id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament;
.....
(d) id-delitt twettaq fuq jew fil-preżenza ta' minuri;
.....
(f) twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

23. Imbagħad, jirriżulta li l-appellant ammetta wkoll għall-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi li:

251HA. Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu **għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202**, meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

24. L-Avukat Ġenerali fit-trattazzjoni orali tagħha qalet hekk:

Issa apparti minn hekk, meta ghandek l- article 251 (h) (a) jghidlek li l- istess piena ghandha tizdied bi grad jew b' zewg gradi f' kull kaz imsemmi fl- article 202, u jghid ukoll li meta l –ligi tipprovdi ghall- aggravji, hija l- oghla piena li ghandha tapplika.

Issa jekk wiehed jara l- article 202 japplikaw tliet aggravji umbaghad ghall-kaz odjern. Ghandek li twettaq kontra konjugi, kontra persuna li kellha tarbija komuni, u kien diga' gie misjub hati. Jigifieri hawnhekk ghandna tliet aggravji u jigifieri jekk tizdied bi grad jew tnejn f' kull kaz potenzjalment nistghu nitelghu b' sitt gradi.
Ghaldaqstant la darba d- dicitura tal- ligi tghid ghandha u mhux tista', mela allura hemm il –potenzjal li dawn il –kazijiet jistghu jitelghu, il- prigunerija titla' jigifieri, ma tibqax fil –livell li hemm fit- 251 (a) u fit- 251 (b). Wiehed irid jara l- aggravji li hemm.

25. Dan ikun ifisser li l-Avukat Ġenerali qegħda tippretendi li l-parametri tal-piena kif imfassla fl-Artikolu 251A ta' bejn **sitt xhur u sentejn** l-ewwel jitilgħu bi grad sa **tliet snin** priġunerija minħabba l-proviso li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali fis-sens illi l-piena tiżdied sa' massimu ta' tliet snin priġunerija peress li l-appellant ammetta li r-reat de quo kkommettieħ **kontra l-konjuġi tiegħu** persuna kwalifikata taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda kif ser ikun muri, din il-kwalifikat waħedha,

iġifieri li r-reat isir kontra l-konjuġi hija ripetuta għal żieda kumulattiva triplikata taħt l-artikolu 251A, 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali.

26. Niċċara : jekk wieħed jieħu dan l-eżempju li r-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali jkun seħħ kontra l-konjuġi, dan iġib żieda bi grad bis-saħħa tal-proviso tal-istess artikolu. Imbagħad dan jerġa allura jġib żieda tal-piena bi grad jew żewġ gradi taħt l-artikolu 251H(a) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu r-reat ikun sar kontra l-"konjuġi", u jerġa jiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali li, għal darb'oħra jinkludi meta d-delitt isir kontra l-konjuġi! Iġifieri l-fatt li l-fastidju jkun ġie kommess kontra l-konjuġi, skont l-Avukat Ġenerali, min jinstab ħati jrid jirrispondi għal żieda fil-piena taħt tliet artikoli differenti tal-Kodiċi Kriminali li jeżiġu żieda ta' ħames gradi għall-istess ċirkostanza! B'din il-loġika allura l-piena erogabbli għal min jagħmel fastidju fuq il-konjuġi tkun dik ta' priġunerija li minn piena bażi ta' bejn sitt xhur u sentejn priġunerija titla' b'ħames gradi għal skala ta' bejn sentejn sa' disa' snin priġunerija – liema żidiet huma bażati biss fuq l-istess ċirkostanza li r-reat ikun ġie kommess fuq il-konjuġi.

27. L-istess jista' jingħad għal dik il-kwalifika misjuba taħt l-artikolu 251H(b) tal-Kodiċi Kriminali (id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettquripetutament) li hija pratikament identika għal dik prevista taħt l-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali li jirrendi applikabbli l-artikolu 202 tal-istess fejn l-artikolu 202(j) jipprovdi kwalifika pratikament identika (id-delitt, jew id-delitti relatati, saru ripetutament).

28. L-istess jista' jingħad għaċ-ċirkostanza msemmija taħt l-artikolu 251H(d) tal-Kodiċi Kriminali (id-delitt imwettaq fuq jew fil-preżenza ta' minuri) li hija pratikament identika għal dik prevista taħt l-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali li jirrendi applikabbli l-artikolu 202 tal-istess fejn l-artikolu 202(i) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kwalifika pratikament identika (meta d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista'jisma' x'ikun qed isir).

29. Iċ-ċirkostanza kwalifikanti msemmija taħt l-artikolu 251H(f) tal-Kodiċi Kriminali (twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt) ma għandhiex ekwivalenti identika taħt l-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali li jirrendi applikabbli l-artikolu 202 tal-istess iżda hemm fih ċirkostanzi kwalifikanti li wkoll jikkwalifikaw imġieba ta' vjolenza esplifikati f'ċirkostanzi ta' vjolenza partikolari in kwantu l-artikolu 202(i) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kwalifiki :

(e) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jagħmel użu minn armi regulari jew armi irregolari;
(f) meta l-persuna li fuqha jkun sar id-delitt, jew persuna oħra li tkun resqet biex tagħtiha għajjut, tiġi offiża fuq il-persuna;
(l) id-delitt sar bit-theddida ta' arma;
(m) id-delitt wassal għal ħsara ħarxa fiżika jew psikoloġikagħall-vittma

30. In definittiva, dawn huma ċirkostanzi li huma prattikament identiċi taħt l-artikoli 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali li jġibu żieda fil-piena meta r-reat ikun kwalifikat taħthom. Ġaladarba dawn il-kwalifiki huma identiċi mhux permissibbli li ż-żiediet fil-piena taħt l-artikoli 251H u 251HA ikunu dupliċi jew kumulattivi fuq l-istess ċirkostanzi.

31. Apparti minn hekk hemm ukoll l-argument l-ieħor dwar il-kunċett tal-kumulu taż-żiediet fil-gradi tal-pieni. L-Avukat Ġenerali tadotta metodu kumulattiv fil-kalkolu taż-żieda tal-piena f'dan il-każ b'mod li għalkemm tgħid li ż-żieda fil-piena magħmula minnha l-massimu tal-piena titla sa' tnax il-sena priġunerija, dal-metodu kumulattiv adottat minnha jwassal għal potenzjal ta' piena massima li tmur ferm oltre t-tnax il-sena priġunerija. Dan għaliex bl-istess argument tagħha, stante li l-lokuzzjoni tal-liġi fix-"chapeau" tal-artikoli 251H u 251HA hija imperattiva, jekk allura "hawnhekk ghandna tliet aggravji u jigifieri jekk tizdied bi grad jew tnejn f'kull kaz potenzjalment nistghu nitelghu b' sitt gradi" dan ikun ifisser illi ż-żieda fil-gradi tal-piena jkun qed isir b'mod kumulattiv fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali :

(a) tista' titla' b'żewġ gradi **<u>għal kull wieħed miċ-ċirkostanzi aggravanti</u>** li ammetta għalihom l-appellat taħt l-istess artikolu Artikolu 251H (a)(b)(d)(f) tal-Kodiċi Kriminali sa massimu kwindi ta' **<u>erbgħin sena priġunerija</u>!** U jekk imbagħad terġa' tiżdied minħabba dak li jingħad fl-Artikolu 251HA imbagħad tkun qed tħares lejn massimu ta' priġunerija għall-għomor inkluż bir-reklużjoni!
(b) U dan mingħajr ma jingħata piż għall-fatt li hemm diversi ċirkostanzi kwalifikanti msemmija fl-artikoli 251A, 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali li huma pratikament duplikati jekk mhux ukoll triplikati!

32. Din il-Qorti ma tistax taqbel li hawn il-Liġi qegħda tipprovdi għal żieda fil-piena li tista tkun dupliċi jew kumulattiva b'dan il-mod; aktar u aktar meta trattasi ta' żidiet li bosta drabi jkunu qegħdin isiru għal ċirkostanzi li huma simili jekk mhux identiċi għalkemm imsemmija

kemm taħt l-artikolu 251A, 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 251H u l-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali jridu jiġu interpretati li ż-żieda fil-pieni imsemmija f'dawk l-artikoli rispettivi ma tistax tkun duplikata. U dan għandu jkun is-sens ukoll tat-tieni parti tal-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li:

> meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravjutal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

33. Għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti tagħmel referenza għall-emenda riċenti tal-Kodiċi Kriminali li saret nhar l-14 ta' Diċembru 2021 permezz ta' **Att LXIV tas-sena 2021** fejn l-iskop tal-Leġislatur, fost oħrajn, kien preċiżament dak li jikkjarifika d-diċitura tal-Liġi f'dawk id-dispożizzjonijiet li jikkontemplaw iċ-ċirkostanzi aggravanti bħalma huma l-Artikoli 87, 202, 204A, 204B, 204Ċ, 204D, 208AA(2), 208AB, 208AĊ u dan sar b'tali mod li d-diċitura li kienet tikkontempla żieda minn grad sa żewġ gradi **''f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin''**, ġiet sostitwita bil-kliem 'fil-każ li tirriżulta ''**waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin**".

34. Din is-sostituzzjoni tat-test hekk kif intqal allura telimina kull xorta ta' interpretazzjoni żbaljata li setgħet tat lok id-diċitura preċedenti in kwantu tagħmilha ċara li dak li kellu f'moħħu l-leġislatur fid-dispożizzjonijiet li jikkontemplaw iż-żieda fil-piena minħabba ċ-ċirkostanzi hemm maħsuba ma kienx dak li l-piena tiżdied (sproporzjonalment) għal **kull ċirkostanza** iżda li tiżdied minn grad sa żewġ gradi **darba waħda biss** anki jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi kollha elenkati fid-dispożizzjoni relativa għar-reat in kwistjoni.

35. Mistqarr dan, madanakollu din il-Qorti tosserva kif it-test adoperat fl-Artikoli 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali ma ġewx ukoll emendati b'tali mod allura li l-Avukat Ġenerali qiegħda tippretendi li l-piena għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali tiżdied sa massimu ta' żewġ gradi għal kull waħda mill-istanzi li ammetta għalihom l-appellat u ċjoe' għal ben erba' darbiet sabiex minn tlett snin il-piena titla' sa massimu ta' għomor bl-applikazzjoni addirittura tar-reklużjoni!

36. Din il-Qorti, f'dan l-istadju, tqis li l-Artikoli 251H u 251HA tal-Kodiċi Kriminali wkoll għandhom jiġu interpretati bl-istess mod ta' kif il-Leġislatur ried li jiġu interpretati u applikati d-dispożizzjonijiet

kollha l-oħra elenkati iżjed il-fuq u li wkoll jikkontemplaw ċirkostanzi aggravanti.

37. Illi allura, din il-Qorti tqis li it-tlett snin priġunerija kkontemplati għall-ksur tal-Artikolu 251A(1) tal-Kodiċi Kriminali hekk kif miżjud bi grad bl-applikazzjoni tal-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, tista' tiżdied sa massimu ta' żewġ gradi oħra ai termini tal-Artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali sa massimu ta' ħames priġunerija; iżda mhux ukoll għal darb'oħra taħt l-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali għall-istess ċirkostanza kwalifikanti identika.

38. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Josef Mario Friggieri**[3] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha wkoll f'dan is-sens fuq il-mod ta' kif għandha ssir iż-żieda fil-piena minħabba ċ-ċirkostanzi aggravanti:

> Illi r-reat tal-fastidju kif imfassal fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali igorr piena ta' priġunerija ta' bejn sitt xhur u sentejn u/jew il-multa ta' bejn €5000 u €10000. Illi minn qari tal-akkużi addebitati lill-imputat, jirriżultaw żewġ ċirkostanzi aggravanti li dwarhom l-imputat irreġistra ammissjoni u ċioe' illi r-reat ġie kommess fil-konfront ta' ommu, u ukoll li l-istess ikkawża ħsara psikoloġika, aggravji li huma imfassla flartikoli 251H(h) u 251HA abbinat ma'l-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali, f'liema każijiet il-piena għandha tiżdied minn grad sa tnejn. Iżda l-Avukat Ġenerali għal fatt stabbilit illi r-reat seħħ kontra ġenitur, u cioe' f'dan il-każ omm l-imputat, qiegħed jippretendi illi din iċ-ċirkostanzi aggravanti għandha tissarraf f'żieda fil-piena għal tlett darbiet (sa massimu ta' hames gradi) u ċioe' taħt il-proviso għall-artikolu 251A1 tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad taħt dak dispost fl-artikolu 251H(a) u dan għaliex l-imputat kien jirrisjedi ma' ommu, u finalment taħt l-artikolu 251HA2 , apparti iż-żieda bi grad sa tnejn għaċ-ċirkostanza aggravanti taħt is-sub-inciz (h) għall-artikou 251H, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali qed jippretendi li reat oriġinali li igorr piena massima ta' sentejn priġunerija ftit ftit jwassal għal piena ta' ghoxrin sena ħabs!
>
> Illi l-Qorti tqies illi il-kalkolazzjoni tal-piena kif magħmula mill-Avukat Ġenerali ma hijiex konformi mal-liġi. Fil-fatt l-artikolu 251HA iħares milli dan iseħħ billi jistabbilixxi li fejn jirriżultaw imsemmija f'xi band'oħra fil-Kodiċi l-istess ċirkostanzi aggravanti għandha tingħata biss dik il-piena l-aktar gravi u mhux għal kull dispożizzjoni tal-liġi il-piena tiżdied minn grad sa tnejn! Illi allura l-ogħla piena li tista' tiġi mogħtija għar-reat maħsub taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali b'dawn iż-żewġ ċirkostanzi aggravanti ċertament fil-massimu tagħha żgur li ma teċċediex is-sitt snin priġunerija. L-istess jista' jingħad għar-reat maħsub fl-artikolu 251B li ukoll lanqas ma jeċċedi is-sitt snin priġunerija fil-massimu bl-istess ċirkostanzi aggravanti.

[3] Deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima fit-28 ta' Lulju 2021.

39. Illi din il-Qorti wkoll iżżid tgħid li xejn ma huwa ta' ostakolu li l-interpretazzjoni tal-Liġi kif ingħatat permezz tal-emendi li seħħew kif ingħad f'Diċembru tas-sena 2021 jiġu estiżi sabiex japplikaw anki fil-każ in diżamina u dan minkejja li l-imputazzjonijiet li ammetta għalihom l-appellat seħħew qabel ma daħlu in vigore dawn l-emendi. Kif irriżulta ċar, dawn l-emendi kkontribwixxew sabiex il-Liġi tiġi interpretata mhux biss mod iżjed favorevoli daqskemm b'mod iktar loġiku. Dan huwa wkoll fl-ispirtu tal-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali.

40. Imbagħad l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra bil-mod segwenti:

> (1) Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn **seba' snin**) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, majkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordnita' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz majkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħatigħalkollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dakil-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni. Id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom mutatismutandisjapplikaw għal dan is-subartikolu.

41. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, aggravat biċ-ċirkostanzi kif ingħad, iġorr massimu ta' ħames snin priġunerija. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tinfliġġi piena taħt l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

42. L-istess japplika għal piena għall-ksur tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li wkoll jikkontempla massimu ta' piena ta' sentejn priġunerija, mingħajr żieda taċ-ċirkostanzi aggravanti applikabbli. Għalhekk in linja mal-prinċipju li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba l-piena kif inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati ħlief meta din ma tkunx tax-xorta jew tal-kwalita' li trid il-Liġi jew meta din tkun manifestament eċċessiva, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali

43. Illi f'dan it-tieni aggravju tagħha, l-Avukat Ġenerali tattakka l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront tal-parte ċivile Elaine Spiteri u wliedha ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali in kwantu targumenta li tali ordni ma tistax tingħata fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja.

44. Dwar dan l-Avukat Ġenerali għandha raġun. Dan il-punt kien ripetutament ribadit fil-ġurisprudenza lokali ta' din il-Qorti kemm kif diversament presjeduta kif ukoll skont kif komposta. Hekk per eżempju ntqal fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nathaniel Joseph Mamo** deċiż nhar it-30 ta' Settembru 2020, kif ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Oscar Robert Magri** deċiża fl-istess data fejn intqal:

> Illi jibda biex jinghad illi l-piena kif imposta hija wahda li taqa' fil-parametri tal-liġi ghajr ghal hrug tal-Ordni tal-Protezzjoni fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali. Illi din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet sahhqet **illi l-Artikolu 412C isib applikazzjoni biss pendente lite.**[4] Dan ghaliex tali Ordni tista' tinhareg biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "hatja" u dan fit-termini ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Illi l-Qorti ghandha s-setgha biss illi mad-decizjoni finali taghha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Ordni mahruga fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ma sibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' htija u se tigi revokata.

45. Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma imponietx biss ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali iżda rabtet lill-imputat appellat anki bil-ħruġ ta' dak li hija sejħet "ordni ta' trażżin". Biss pero' fil-parti operativa tas-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati ma ċċitatx l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali bħala dik id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-ħruġ ta' ordni ta' trażżin. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iċċitat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali liema dispożizzjoni tal-Liġi titratta l-ordni li permezz tagħha l-ħati jintalab iħallas penali bħala garanzija u obbligazzjoni tiegħu nnifsu bl-iskop li tiġi tutelata s-sigurta' tal-vittima u sabiex tiġi mħarsa l-ordni pubblika. Dan ikun ifisser allura li filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat li kienet qiegħda timponi ordni ta' trażżin, dik l-ordni kif effettivament imposta minnha fis-sentenza tagħha ma hija ordni

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.

ta' trażżin xejn. Iżda fl-istess waqt, dik il-Qorti lanqas ma imponiet penali skont id-dettami tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Biss dwar dan l-Avukat Ġenerali ma resqet ebda lanjanza fir-rikors ta' appell tagħha. Minkejja dan pero, it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

46. Din il-Qorti tagħlaq b'punt ieħor li nnotat matul l-analiżi ta' dan il-każ. Biss jirriżulta li l-parte civile għażlet li tirtira l-kwerela tagħha fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat lill-appellant mhux ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet stante li ġew irtirati mill-parte civile u minnhom illiberatu. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kien proċediment ex officio u l-formula li kellha tiġi adottata ma kienetx dik. Pero dan ma kienx jifforma parti mis-suġġett tal-appell mill-Avukat Ġenerali u b'hekk din il-Qorti ma tistax tinvesti l-istess fid-"decisum" tagħha.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi:

i) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn l-appellat ġie misjub ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni fuq ammissjoni tiegħu istess;
ii) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-erogazzjoni ta' piena ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii) Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u minflok tordna l-ħruġ t'ordni ta' trażżin fil-konfront tal-appellat ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali u dan għal perjodu ta' ħames snin mid-data ta' din is-sentenza;
iv) U salv għal dak mibdul b'din is-sentenza, din il-Qorti tħalli s-sentenza appellata fil-bqija tagħha kif inhi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**